# Qorti Kriminali

## Imhallef

## Onor. Vincent De Gaetano LL.D.

**Att ta' Akkuza 19/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**v.**
**Godfrey Louis Lopez**

Illum it-Tnejn 17 ta' Settembru, 2001.

Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 19/2000;

Semghet, fl-udjenza tal-lum, il-verdett tal-gurati li bih b' seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-akkuzat hati izda biss ta' komplicita` f'serq kwalifikat bil-vjolenza (sekwestru tal-persuna, vjolenza numerika), mezz (tibdil fl-ilbies jew fis-sura), valur (aktar minn elf lira) u hin;

Tiddikjara lill-imsemmi Godfrey Louis Lopez hati ta' komplicita f'serq kwalifikat bil-vjolenza (sekwestru tal-persuna, vjolenza numerika), mezz (tibdil fl-ilbies jew fis-sura), valur (aktar minn elf lira) u hin;

Semghet lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-hati u lill-Avukat Dott. Mark Said ghall-Prosekuzzjoni dwar il-piena;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-kooperazzjoni shiha li l-akkuzat ta' lill-pulizija wara li avverat ruhha s-serqa biex jipprova jghin halli r-refurtiva tinstab (indikazzjoni cara din li huwa verament kien iddispjacih tal-"gennata" li huwa kien dahal fiha), il-mod sincier li bih huwa xehed fil-kors tal-kawza, il-fatt li hu ma kienx il-promotur jew istigatur tas-serqa izda dahal fiha f'mument ta' debolezza (fi kliem Dott. Brincat "he was tempted, he was never the tempter"); hadet ukoll in konsiderazzjoni l-valur tal-oggetti ossia flus li insterqu u li sal-lum ghandhom ma nstabux, kif ukoll il-fatt li l-hati kien jokkupa kariga importanti mal-kumpanija tas-sigurta` derubata u li ghalhekk b'dak li ghamel huwa ttradixxa mhux biss lill-imsemmija kumpanija izda wkoll lill-dawk in-nies u kumpaniji ohra li kienu jafdaw flushom ma' l-istess kumpanija; rat ukoll il-fedina penali prattikament nadifa tal-hati; rat ukoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-konfront tal-ko-akkuzat l-iehor Herman Zammit fil-31 ta' Lulju, 2000 (konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' April, 2001);

Rat l-Artikoli 42, 43, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Godfrey Louis Lopez ghall-piena ta’ erba’ (4) snin prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dana l-kaz sal-lum; tikkundannah ukoll ihallas lir-registratur is-somma ta’ mija erbgha w hamsin lira u erbgha w hamsin centezmu (Lm154.54c) rappresentanti nofs l-ispejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar mill-lum.

(ft) Paul Miruzzi
Dep. Registratur